MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru. 438/2008

**Il-Pulizija**
**Supt Stephen J Gatt**
**vs**
**Joseph Bugeja**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Bugeja ta' 31 sena iben Joseph u Monica Lanzon mwieled Pieta fid-29 ta' Dicembru 1976 u residenti MAssabielle Triq Pietru Felice Siggiewi, ID 67377 (M).**

**Akkuzat talli fl-10 ta' Novembru 2008 u s-sitt xhur qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru d-disposizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:**

**(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-u¿u ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolu¿i (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolu¿i Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-u¿u tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat, liema ammissjoni huwa rega kkonferma wara li nghata hin xieraq biex**

**jahsibha. Ghal daqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 22 (1B) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, kif wkoll l-Artikolu 17H tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh b'dan pero li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda ai termini ta' l-Artikolu 17H tal-Kap 9 kif diga intqal iktar 'l fuq.**

**Dwar il-piena, il-Qorti rat li l-imputat llum huwa totalment reformat u li ghen lill-pulizija tant li ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghal daqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija u ghal hlas ta' 468 Euro, liema multa tista' tithallas b'rati ta' 50 Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat millum. Jekk xi pagament ma jsirx, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------